CHAMBER OF ADVOCATES
MALTA

NOVEMBRU 2024

# L-EWWEL FAŻI TAR-RIFORMA FIL-QORTI TAL-FAMILJA

## SOTTOMISSJONI MILL-FAMILY LAW WORKING GROUP

GĦALL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA MAĦRUĠA MILL-MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI


DR CHRISTINE BELLIZZI
DR ANNE MARIE BISAZZA
DR ELAINE GINGELL LITTLEJOHN
DR CARINA NAGIAH
DR KEZIA SAMMUT
DR RODIANNE SCIBERRAS
DR ROBERT THAKE
DR STEPHEN THAKE

# Kontenut


Introduzzjoni 3

Il-Posizzjoni tal-Grupp dwar "L-Ewwel Fażi tar-Riforma fil-Qorti tal-Familja" 4

Dwar il-Ħtieġa ta' Riforma fil-Qorti tal-Familja 7

Il-Bord 10

Il-Proċess ta' Discovery 13

Dwar il-Medjazzjoni u t-Termini li qed jiġu suġġeriti 15

Dwar Linji Gwidi dwar il-Manteniment 17

Fir-rigward tal-Co-Parenting u d-drittijiet u responsabbilitajiet ugwali 18

Illum, 8 ta' Novembru 2024

Nixtiequ nibdew billi nenfasizzaw illi l-laqgħa li kellna mal-proponenti tad-'dokument' kienet waħda pożittiva f'ħafna rigwardi, pero` partikolarment għax ħassejna illi konna qegħdin ningħataw l-opportunita` sabiex insemmgħu leħinna fl-interess tal-partijiet f'kawża ta' separazzjoni – illi bosta minnhom - kważi invarjabbilment ikunu persuni illi mhux biss għandhom il-problema emozzjonali tal-firda, iżda jerfgħu piżijiet ekonomiċi u soċjali illi jkunu rekknuhom f'kawża illi xtaqu jevitaw. Ħassejna illi din il-laqgħa kienet waħda pożittiva wkoll għaliex il-Ministru ikkonferma illi dan huwa biss il-bidu tad-diskussjonijiet u mhux it-tmiem.

# Il-Posizzjoni tal-Grupp dwar "L-Ewwel Fażi tar-Riforma fil-Qorti tal-Familja"

## Rigward il-Konsolidazzjoni tal-Liġijiet tal-Familja

Il-liġi sostantiva hija diġa kkonsolidata u tifforma parti integrali mill-Kodiċi Ċivili. M'hemm l-ebda ħtieġa li jinħoloq Kodiċi ġdid għas-sostantiv. Jekk il-liġijiet li jirregolaw il-liġi tal- familja jinħarġu mill-Kodiċi Ċivili, effettivament l-istess Kodiċi ser jiġi smembrat b'dak li qed jiġi propost. Il-proposta illi ssir kodiċi tal-familja ma hijiex waħda sostantiva u mkien ma ġiet ġustifikata b'argumenti ta' sustanza oġġettiva. L-argumenti kontra huma wkoll iktar superfiċjali mill-punti l-oħra magħmula f'dan id-dokument, u huma s-segwenti:

1. Il-messaġġ trasmess ta' kodiċi ġdid huwa li b'xi mod il-liġijiet tal-familja, huma stakkatti u maqtugħa mill-ħajja ċivili, daqs li kieku l-istat miżżewweġ ta' parti ma jaffettwax l-interazzjoni tiegħu mat-terzi;

2. Il-ħtieġa ta' kodifikazzjoni l-iktar illi tinħass hi fil-liġi tal-proċedura, fejn il-Qorti tal- Familja tinħtieġ proċedura separata illi tista' tiġi kodifikata – jew li għandha tiġi kodifikata – fi ktieb ġdid tal-kodiċi tal-proċedura. Dan isir sabiex fejn mhux mibdul, jibqa' regolat minn normi ġenerali tal-proċedura ċivili;

3. Għandu jingħad ukoll illi l-proċess ta' konsolidazzjoni huwa fil-fatt proċess ta' kodifikazzjoni illi hija ħaġa li qatt m'għandha ssir bl-għaġġla. Illum is-sitwazzjoni tal- Qorti tal-Familja hija tali li hemm bżonn l-għaġġla fir-riformi sabiex il-liġi tkun tirrifletti id-diversi realtajiet li hemm fis-soċjeta` Maltija. Dawn ir-riformi jridu jkunu meqjusa u maħsuba, u ma' dak il-proċess m'għandux jiżdied xogħol żejjed illi ma huwiex bżonnjuż jew neċessarju u li jista' jsir ħażin fl-għaġġla.

Madanakollu hemm lok li fejn tidħol il-proċedura jkun hemm konsolidazzjoni fis-sens li jinġabru f'kodiċi wieħed termini differenti bħal f'każ t'appelli f'każijiet ta' ritorn ta'minuri, termini speċifiċi għal termini tal-appell ta' digrieti mogħtija pendente lite, kjarifika tal-effetti ta' digrieti mogħtija pendente lite, la darba jintemmu l-proċeduri etċ.

Għandhom jiġu inklużi l-mandati speċifiċi għal proċessi ta' separazzjoni u mandati ta' inibizzjoni tal-Qorti tal-Familja u ġbir ta' liġijiet li fil-preżenti jinsabu sparpaljati f'liġijiet differenti.
Għandna liġi sostantiva li hija sodisfaċenti u ġusta u se mai għandna nidentifikaw eċċezzjonijiet fejn dan is-sens ta' ġustizzja mhux ċar jew indirizzat, bħal per eżempju:

1. Illi eskluża l-Komunjoni tal-Akkwisti ma hemm ebda regime legali, jew kunċett ta' arrikiment indebitu (unjustified enrichment), illi jipproteġi l-parti li tissagrifika l-qliegħ biex tikkura t-tfal. Li ġeneralment – kważi dejjem – hija l-Mara. L-Istat irid jieħu l-pass diffiċli illi jipproteġi lil dawn in-nies sabiex jassigura li jkun hemm ekwilibriju bejn il- patrimonju ta' konjuġi li jkun stagħna u dik il-parti li tkun issagrifikat il-qliegħ tagħha sabiex dan iseħħ. Possibilment dan jista' jsir b'diversi modi, fosthom billi jbiddel l- effett ta' kuntratt tal-esklużjoni ghall-kuntratt ta' riduzzjoni. Dan peressli l-ħtieġa li nipproteġu lil min kellu żvantaġġ finanzjarju fiż-żwieġ, meta ma hemmx il- kommunjoni ta' l-Akkwisti hija bżonn neċessarju u imminenti.

2. Il-partijiet illi jkunu bdew il-proċeduri tas-separazzjoni jistgħu jaqtgħu lil xulxin mill- wirt u fejn dan ma jsirx tali ordni tingħata mill-Qorti fis-sentenza.

3. Illi kuntratt tal-esklużjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti inqas minn sitt xhur qabel id- data taż-żwieġ jinħtieġ awtorizzazzjoni mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) li għandha wkoll tara kif fl-assenza tal-komunjoni tal-akkwisti l-interessi tal-partijiet jiġu mħarsa. Il-Qorti għandha taċċerta ruħha li kull parti tkun debitament assistita minn Avukat, liema Avukat għandu dejjem jiddikjara li huwa ddiskuta l- konsegwenzi legali naxxenti mill-esklużjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u finalment il-Qorti għandha d-diskrezzjoni dwar jekk tappuntax l-istess għas-smigħ o meno.

4. Il-partijiet fl-istat ta’ koabitazzjoni li mhumiex regolati b’att pubbliku, u uliedhom, ma humiex protetti u l-leġislatur irid jaċċetta illi inutili tagħmel micro management tal- miżżewġin u tinsa’ dak il-proporzjon dejjem jikber ta’ nies jgħixu flimkien mingħajr żwieġ. Il-leġislatur għandu jikkunsidra u janalizza xi drittijiet għandhom japplikaw f’każ illi jitwieldu t-tfal minn persuni fi stat ta’ koabitazzjoni, li mhux regolati b’att pubbliku.

5. Il-kura tat-tfal għandha valur ekonomiku – illi ma huwa mkien imħares jew rispettat fil-liġi - anke f’każijiet fejn persuna ma tkunx intitolata għall-manteniment għaliha mingħand il-ġenitur l-ieħor tat-tfal, għandha tiġi kkumpensata għas-sempliċi fatt illi qiegħda trabbi dawk it-tfal u teħles lill-ġenitur l-ieħor biex jiġġenera qliegħ fil-liberta`.

6. Il-pronunzjament ta’ separazzjoni tħoll ukoll l-obbligu tal-fedelta` (flimkien ma dawk tal-assistenza u tal-konvivenza).

7. Illi l-Eżekuttiv irid jagħżel iridx illi d-divorzju jkun the primary remedy u dan minflok is-separazzjoni, f’liema każ il-proċeduri anakronistiċi tal-Kodiċi Ċivili imposti fuq min jibda’ divorzju mingħajr ma jkollu kawża ta’ separazzjoni pendenti jew kuntratt jew sentenza ta’ separazzjoni jitneħħew u minflok il-proċedura tkun identika għal dawk li jirregolaw l-istituzzjonijiet ta’ separazzjoni.

## Dwar il-Ħtieġa ta’ Riforma fil-Qorti tal-Familja

L-imperattiv ewlieni fir-Riforma hija illi trid tispiċċa l-possibilita` illi quddiem ġudikanti differenti tal-Qorti tal-Familja l-istess fatti, jipproduċu riżultati differenti prinċipalment fejn jirrigwardaw il-manteniment u l-kura tat-tfal Minuri. Ma jistax ikompli jiġri illi l-partijiet iħossu l-ħtiega li jistaqsu lill-avukati tagħhom jekk hux possibbli illi l-kawża tkun quddiem ġudikant wieħed u mhux ieħor, u dan skont is-sess tal-klijent.

Din il-problema qiegħda tippeġġora ruħha għaliex appelli minn digrieti ma humiex possibbli, u l-partijiet issa qegħdin jippreżentaw kawżi ġodda biex jappellaw minn digrieti illi ma jogħġbuhomx u jżidu allura mal-piż tal-Qrati. B’mod ġenerali huwa propost illi l-ħtieġa ta’ uniformita` u sens ta’ kolleġġjalita fost il-ġudikanti tingħata prijorita mill-Eżekuttiv possibbilment fuq kull ħaġa oħra u f'dan ir-rigward huwa suġġerit għall-konsiderazzjoni tal-Eżekuttiv is-segwenti:

1. Illi appelli minn digrieti illi jaggravaw xi parti isiru quddiem bord tal-appell kompost mill-ġudikanti l-oħra illi jippresedu fil-Qorti tal-Familja, ppresjeduta minn ġudikant ieħor illi jippresedi fil-Qorti tal-Appell;

Jew

2. Illi permezz ta’ emenda fil-liġi jiġu ammessi appelli minn digrieti illi jinstemgħu minn ġudikanti tal-Qorti tal-Appell illi jkunu dedikati biss għas smiegħ ta’ dawn l-appelli.

Illi d-dokument propost ma jindirizzax problema enormi, mhux biss fil-Qorti, iżda wkoll fis- soċjeta` Maltija ukoll, u ċioe` kif din qiegħda tinbidel minn drawwiet tal-konswetudnijiet tal- immigranti. Ma jistax ikompli jiġri illi min jaqla’ daqqa ta’ ħarta llum, jew qiegħed isofri konsegwenzi riżultat ta’ nuqqas ta’ osservanza ta’ digriet, sentenza, u/jew kuntratt mill-parti l-oħra, jara l-kawża tiegħu tiġi appuntata

għas-smiegħ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sena w nofs oħra u deċiża possibbilment sena wara. Mingħajr ma nafu dan huwa insult mill-istituzzjonijiet lill-individwi, u jrid jissewwa' immedjatament. Hemm back log enormi, u sabiex tissolva din l-istess back log il-Maġistrati kollha għandhom jiġu mistiedna jiddedikaw ġimgħa sħiħa sabiex lkoll jgħinu sabiex il-kawżi kollha ġeneralment meqjusa "tal-familja" jinqatgħu. Jekk hemm bżonn, mingħajr ma jsir xejn iktar. Dan huwa meħtieġ għaliex sistema effiċjenti ta' ġustizzja kriminali hija fiha infisha deterrent għall-kriminalita`. L-invers ta' dan huwa daqstant ieħor korrett.

Naqblu li hemm x'jiġi immiljorat imma dan il-miljorament ma jsirx billi naqbdu dak li diġa' jeżisti u nagħwġuħ, iżda billi nkomplu ninvestu fih. Ir-realta` hi li l-ebda leġislazzjoni u/jew emenda, m'hija ser tindirizza n-nuqqas ta' riżorsi li l-Qrati tagħna huma afflitti biha u din tista' tiġi indirizzata biss mill-Gvern.

Huwa fatt, kif anke qal il-Prim'Imħallef fil-ftuħ tas-sena forensi, li l-proċeduri tal-Qorti tal- Familja żdiedu ħafna anke b'konsegwenza tal-fatt li l-popolazzjoni kibret, b'konsegwenza ta' bdil f'liġijiet oħra u anke realtajiet soċjali. Bħala stat ta' fatt, mill-maġġor parti tal-kawżi ta' separazzjoni dejjem jinbtu diversi materji oħra, li quddiem Qrati u Tribunal oħra, jitqiesu bħala kawżi separati, mentri quddiem il-Qorti tal-Familja jibqgħu kollha quddiem l-istess ġudikant.

Dan l-investiment li għalhekk huwa neċessarju min-naħa tal-Istat għandu jkun fuq żewġ binarji:

- Iktar spazju għall-Qrati tal-Familja biex jistgħu jiffunzjonaw b'mod iktar effikaċji u

- Iktar ġudikanti fil-Qorti tal-Familja. Konxji li hemm xniegħat li x'aktarx ser ikun hemm 'ir-raba' ġudikant' iżda dan fattwalment mhux biżżejjed u dan oltre ż-żieda fl-istaff li huwa neċessarju f'xogħol tant delikat u li jaffettwa parti kbira mill-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex.

Għalkemm idealment, il-ġudikanti fil-Qorti tal-Familja għandu jkollhom esperjenza ta' xogħol fl-istess Qorti, nifhmu li stante li n-numru tal-avukati li jaħdmu fl-istess qasam b'mod speċjalizzat, huwa limitat, kapaċi jkun hemm kwistjonijiet ta' ħafna istanzi ta' rikuża wara l- ħatra bil-konsegwenza li ġudikant ma jkunx jista' jibda jaqdi l-inkarigu. Għalhekk, il- ġudikanti fil-Qorti tal-Familja ma hemmx għalfejn ikollhom esperjenza f'kawżi tal-familja pero` kull ġudikant maħtur għall-Qorti tal-Familja għandu jattendi ma' ġudikant presedenti għall-żmien stabbilit bil-liġi sabiex jidhra d-differenza f'dawn ix-xorti ta' kawżi.

## Il-Bord

Il-funzjoni tal-Bord kif propost mhux ċar u fil-mument ikun aħjar illi ma ssirx insistenza fuq l-introduzzjoni tiegħu, għaliex effettivament dan ser ixekkel u jtawwal il-proċeduri, iktar milli jgħin sabiex il-proċess ikun iktar ġust u effiċjenti. Il-Qorti tal-Familja ma huwiex post fejn għandhom isiru esperimenti, partikolarment meta b'seħħ ta' dan l-'esperiment' jitqiegħdu f'riskju tfal minuri, u l-benesseri tagħhom.

Jekk il-Qrati ser ikollhom iktar ġudikanti fil-Qorti tal-Familja bi żmien u spazju adegwat, allura mhux ser ikollu bżonn ebda bord biex jgħinu fid-deċiżjoni tiegħu; iktar u iktar meta l- Bord suġġerit ser ikun kompost minn avukat b'ħames snin biss t'esperjenza, ħaddiem soċjali u psikologu.

Dak li qed jasal lill-membri tal-professjoni u lin-nies hemm barra hu li bil- proposta tat-twaqqif tal-Bord hu li donnu l-Istat qed jipprova jieħu 'shortcut' minn investiment serju fil-Qorti tal-Familja billi nipprovaw nsolvu l-influss ta' kawżi u materja li tiġi intavolata quddiem il-Qorti tal-Familja b'dan l-istess Bord.

Sal-lum, m'hemm ebda definizzjoni ċara ta' x'ser ikun l-irwol tal-Bord, għalkemm donnu ser ikun wieħed konsultattiv. Għalhekk iridu jiġu ċċarati numru ta' punti, fosthom:

- Biex il-Bord jagħmel rakkomandazzjoni irid jisma' xi xhieda jew jeżamina xi provi? Għaliex jekk dan ser ikun il-każ, il-Bord ħa jkun ta' tfixkil għall-progress tal-kawżi jekk kemm il-darba ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tkun neċessarja biex medjazzjoni/kawża timxi 'l quddiem, anke għaliex il-Bord mhux ħa jlaħħaq mal-influss ta' xogħol li jidħol ta' kuljum;

- Jekk il-Bord ħa jagħmel rakkomandazzjonijiet mingħajr ma jisma' l-partijiet, jew iwieżen xi prova oħra, wieħed jistaqsi dwar l-utilita` tiegħu? Għaliex fl-assenza ta' smigħ ta' provi r-rakkomandazzjoni tkun imsejsa fuq fatturi esterni għall-partijiet illi jkunu aċċessibli wkoll għall-ġudikant u l-partijiet nfushom mingħajr il-formalita` żejda tal-Bord.

- La darba l-Bord ser ikun ippronunzja ruħu fuq dawn il-punti, il-parti li tħoss li tali rakkomondazzjoni huma favorevoli għalih/a ser iżżomm ma' dik il-posizzjoni u ma tibqax tipparteċipa fil-proċess tal-medjazzjoni bil-konsegwenza li n-numru ta' każijiet li ser jispiċċaw f'kawżi ser jiżdied esponenzjalment u ħafna minn dawk il-każijiet li kienu idonei sabiex jirnexxi l-proċess tal-medjazzjoni ukoll jispiċċaw fil-kontenzjuż.

- Impliċtu jekk l-Istat ser jirsisti fuq it-twaqqif ta' Bord, li hemm il-ħtieġa illi l-Bord ikun fil-fatt kompost minn għadd ta' persuni mifruxa f'bords separati u dan jikreja problemi ovvji ta' loġistika u problemi inqas ovvji illi ġja qed nirriskontaw in konnessjoni mal- pluralita` ta' ġudikanti u ċioe illi l-partijiet f'kawża ifittxu u jittamaw li jiġu jew jipprovaw jagħżlu l-bord li ġeneralment esprima opinjonijiet illi jkunu jaqblu lil dik il- parti.

- Inoltre, l-imposizzjoni tal-Bord f'dan l-istadju, li ser jassumi rwol quasi ġudizzarju, jista' jqajjem ħafna kwisjtonijiet ta' due process u smiegħ xieraq. Kwistjonijet ta' kunflitt ta' interess li membri tal-Bord jista' jkollhom u nuqqas ta' possibilita` ta' skrutinju tar-rakkomodazzjonijiet tagħhom ser iwassal għall-moltiplikazzjoni ta' proċeduri ġudizzjarji.

- Domandi oħra li wieħed irid jagħmel huma, dan il-Bord ser ikollu fuqu membri li huma impjegati 'full time' jew 'part time'? Jekk il-Bord ser ikollu nies 'part timers' dan ifisser, li dak l-istess avukat li jista' jkun qed imexxi Bord, ser ikollu klijenti tiegħu quddiem l-istess Bord?

- Ir-rekwiżit li l-medjazzjoni ma tibdiex jekk id-dokumenti (indikati fid-dokument tar- riforma) ma jiġux preżentati kontestwalment mal-ittra, ser iqajjem ukoll kwistjonijiet ta' aċċess għal ġustizzja u anki ta' protezzjoni tad-data. Anke f'każijiet fejn hemm kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni estera, u jkollna ġlieda mal-ħin biex nibdew proċeduri biex il-ġurisidizzjoni tkun l-ewwel tal-Qorti Maltija. Tant qed jiġi kkumplikat il- proċess biex tinbeda l-medjazzjoni, li f'ġurisdizzjonijiet fejn il-proċess huwa ferm iktar faċli biex dan jinbeda, li ser ikollna anke kwistjonijiet sussegwenti ta' liema proċeduri ġew attwalment mibdija qabel.

Apparti minn hekk, hemm ukoll il-konsiderazzjoni li jkun hemm sitwazzjonijiet fejn wieħed jeħtieġ li jintavola ittra għall-medjazzjoni b'urġenza, għaliex ikun hemm ħtieġa li fl-istess proċedura tal-medjazzjoni jintalab intervent urġenti mill-Qorti bħal fil-każ ta' ritorn ta' minuri, u/jew, żgumbrament tal- parti l-oħra mid-dar matrimonjali f'każijiet ta' vjolenza domestika. Li wieħed ikun rikjest li l-ewwel irrid jippreżenta d-dokumenti indikati sabiex il-medjazzjoni tkun tista' tinbeda se jkun qed jaħdem kontra min verament għandu bżonn li jirrikori għall- ġustizzja fi żmien spedit.

Huwa għal dawn ir-raġunijiet kollha u ferm oħrajn li dak propost ma jagħmilx wisq sens u jkun iktar għaqli investiment fil-ġudikatura u iktar konformita` fl-istess ġudikatura.
Il-ġudikanti tal-Qorti tal-Familja għandu jkollhom numru ta' esperti assenjati magħhom fuq bażi full time, li jkunu

- Taw full disclosure u taw CV tagħhom dwar l-esperjenza lavorattiva tagħhom;
- Malli jkunu appuntati f'każ iridu jiddikjaraw u jagħtu no conflict statement;
- U jkun hemm uniformita` fit-tariffa tagħhom.

In oltre, meta l-Qorti tkun ser taħtar psikologu tat-tfal, għandha tagħti tliet ismijiet ta' esperti u kull parti jkollha massimu ta' ġimgħa biex tiddikjara jekk għandhiex oġġezzjoni għal xi ħadd minnhom u l-Qorti tagħżel espert mit-tlieta li tkun indikat wara li tkun rat iż-żewġ noti.

# Il-Proċess ta’ Discovery

## Proċess tal-Qorti

Il-proposta tagħna hi fis-sens li kif appena tinfetaħ medjazzjoni, parti waħda tista’ tagħmel talba (m’hemmx bżonn li tkun talba konġunta, kif inhi fil-preżent) biex jiġi maħtur Assistent Ġudizzjarju biex jiġbor dokumentazzjoni mingħand diriġenti tax-xogħol tal-partijiet, banek, istituzzjonijiet finanzjarji u tat-taxxi interni taż-żewġ partijiet, sabiex b’hekk jiskatta proċess ta’ ‘Discovery’. M’għandux ikun hemm distinzjoni bejn każijiet ta’ separazzjoni u dawk ta’ kura u kustodja. Di piu’ għandu jkun hemm uniformita’ dwar din it-talba, b’tali mod illi l-ġudikanti għandhom jilqgħu tali talba.

F’każ li l-partijiet jew waħda minnhom tkun ressqet talba għall-ħatra ta’ Assistent Ġudizzjarju, waqt l-istadju tal-medjazzjoni, u tkun inġabret dokumentazzjoni, jekk il-partijiet ma jaslux għall-kompromess, tali dokumentazzjoni għandha tkun awtomatikament parti mill- inkartament tal-proċeduri bejn il-partijiet.

F’każ li l-partijiet fil-medjazzjoni ma jkunux talbu għall-ħatra ta’ Assistent Ġudizzjarju, iżda xorta ma jkunux waslu għall-ftehim, il-medjatur għandu jinforma lill-Imħallef b’nota dwar jekk il-Partijiet qablux li m’għandux ikun hemm proċess ta’ “No Discovery” bejniethom. F’każ li dan ma jseħħx, il-Qorti għandha taħtar Assistent Ġudizzjarju biex jiffissa seduti biex jinġabru d-dokumenti msemmija iktar ‘il fuq (u dan waqt li jkunu għaddejjin ix-xahrejn permess biex tinfetaħ il-kawża ta’ separazzjoni u/jew kura u kustodja).

Kif tiġi intavolata l-kawża, tiġi notifikata u tiġi intavolata r-risposta/i f’każ ta’ kontrotalba; u għalhekk l-atti jiġu meqjusa kompluti, il-Qorti għandha timponi terminu perentorju fuq ż- żewġ partijiet, sabiex b’nota jindikaw liema mid-dokumenti eżebiti quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tul il-proċess tad-‘Discovery’ ma hemmx bżonn li jibqgħu parti mill-inkartament formanti l-kawża pendenti bi spjega għalfejn. F’każ li l-partijiet jaqblu fuq numru ta’ dokumenti li

għandhom jiġu skartati, tali dokumenti, għandhom jiġu sfilzati mill-proċess u l- Qorti m'għandhiex tawtorizza li jerġgħu jiġu mressqa, salv jekk tinġieb raġuni valida għall- istess talba.

## Għalfejn hu Importanti

Dan il-proċess ta' tikxif jgħin ukoll li jsir ftehim jew billi min qed jipprova jaħbi jara illi l-isforzi tiegħu ma humiex qed jagħtu frott jew billi juri illi min immaġina li hemm ħafna jista' jaqbel fuq il-ftit li ġie mikxuf. Finalment il-proċess ta' tikxif qabel ma tibda l-kawża jgħin lill-ġudikant billi r-rwol tiegħu jsir li jiddeċiedi fuq fatti mhux jisma' l-fatti jiġu żvelati. Għal dana kollu hemm l-eċċezzjoni ta' min nonostante dan kollu xorta jipprova jidħaq bis-sistema u li fir-rigward tiegħu ikun meħtieġ atteġġjament aktar sever.

B'dan il-mod, il-medjazzjoni tintuża' kemm minn dawk il-koppji li prattikament ikunu maqbulin mill-bidu nett u kemm jattendu quddiem il-medjatur għall-qari tal-ftehim, u kemm minn dawk li ma jkunux maqbulin, billi tintuża' għal discovery u negozjati fl-istess waqt.

## Dwar il-Medjazzjoni u t-Termini li qed jiġu suġġeriti

L-intenzjoni tal-medjazzjoni kienet dejjem li sa fejn kien possibbli l-partijiet jevitaw litigazzjoni u dan fl-interess tal-partijiet kollha. F'numru ta' każijiet, il-partijiet jkunu jeħtieġu iktar żmien minn oħrajn biex jespoloraw possibilitajiet ta' kif ser jaslu għal ftehim. Dan jista' jkun minħabba fost oħrajn verifiki li jkun qed isiru mal-banek biex jaraw jekk hemmx possibilita li jittieħed self bankarju jew li per eżempju tilħaq tinbiegħ id-dar matrimonjali. Dawn il-koppji għandhom jingħataw iż-żmien kollu meħtieġ sabiex tiġi evitata l-litigazzjoni.

Bħala stat ta' fatt, l-Imħallfin preżenti qed jordnaw li jkun hemm tmien seduti u wara tingħalaq il-medjazzjoni, għalkemm spiss jiġri li l-partijiet ikunu tant viċin, li minflok tmien seduti jiġu utilizzati iktar, u ġieli jiġu utilizzati ferm inqas.

L-idea li jkun hemm żmien impost fuq medjazzjoni ma tagħmilx wisq sens, għaliex qed tpoġġi pressjoni fuq iż-żewġ partijiet biex prattikament imorru għall-kawża, (bil-konsegwenza li l- kawżi ser jiżdiedu) flok ittihom spazju adegwat għal diskussjoni. Il-verita` hi li fil-maġġoranza tal-każijiet, il-partijiet jaslu fi ftehim li mhux neċessarjament jintlaħaq f'sitt seduti kif qed jiġi propost. Di piu' ċertament illi ma jistax ikun iktar il-każ li meta l-avukati jew xi ħadd mill- partijiet ma jkunux jistgħu jattendu għal seduta, jew jitolbu tibdil fid-data minn qabel, din titqies daqs li kieku s-seduta saret.

Bħalma huwa wkoll minnu li dawk il-koppji li ma jkunux ser jaslu juruk dan mill-bidu nett, u spiss wieħed ma jistennix wisq biex jitlob l-għeluq tal-medjazzjoni. Fil-fatt spiss qed jiġri li anke l-Imħalfin jindunaw li bejn żewġ partijiet m'hemmx tama ta' ftehim minħabba n-numru ta' rikorsi li jibdew deħlin u jkunu huma stess li jordnaw l-għeluq tal-medjazzjoni.

Tenut kont tal-fatt li kull parti tul il-proċess tal-medjazzjoni tista' titlob illi l-medjazzjoni tingħalaq, ma huwiex ċar għalfejn għandha tiġi mposta limitazzjoni fuq tnejn minn nies illi wkoll minħabba l-

kumplikazzjoni tal-ħajja tagħhom jeħtieġu iżjed żmien biex jaslu għal ftehim.

Dejjem pero` għandu jitħalla f'idejn il-ġudikant illi jagħlaq il-proċess ta' medjazzjoni partikolarment meta dak il-proċess qed jintuża bħala 'grampun ġudizzjarju' biss biex isiru sensiela ta' rikorsi mill-partijiet jew min minnhom.

## Dwar Linji Gwidi dwar il-Manteniment

Il-punt tat-tluq għandu dejjem ikunu t-tfal. Suppost għall-ulied, wieħed lest li jbati u li wieħed jagħżel li jidħol f'kawża, ma jfissirx li ser jieqaf ibati. Il-kura tat-tfal fiha nnifisha hija ġrajja ekonomika (u għandha tkun trattata bħala tali mil-Leġislatur ).

Jekk is-suġġerimenti magħmula iktar 'il fuq, intiżi għall-iktar kolleġġjalita` u uniformita` fid- deċiżjonijiet jirnexxu, m'għandux ikun hemm bżonn għal-linji gwidi.

F'każ iżda, li dawn is-suġġerimenti ma jintlaqgħux, il-Leġislatur għandu jikkunsidra li l- ħtieġa li jinħolqu linji gwidi li skont id-dħul ta' dik il-familja (liema dħul mhux neċessarjament limitat ma' dak dikjarat b'mod uffiċjali mill-partijiet), jitħallas manteniment għall-ulied. B'linja gwida, l-avukati jistgħu jagħtu pariri b'ċertu serħan (u jiġu evitati pluralita` ta' rikorsi) u f'każ ta' rikorsi u risposti l-ġudikant ikollu l-inkartament quddiemu (li jkun inġabar mill-Assistent Ġudizzjarju kif spjegat iktar 'il fuq) u jkun jista' jagħti deċiżjoni skont il-linja gwida.

Dejjem għandu jkun hemm proviso fil-liġi li f'każ ta' disabilitajiet jew abilitajiet differenti, il- Qorti tista' tmur 'lil hinn mil-linji gwidi basta timmotiva r-raġunar tagħha.

## Fir-rigward tal-Co-Parenting u d-drittijiet u responsabbilitajiet ugwali.

Id-drittijiet tal-ġenituri qegħdin jingħataw wisq importanza fid-diskors pubbliku. Il-leġislatur għandu joqgħod attent ma jagħtix widen żejjed lil dan it-tip ta' diskors.

Aħna nifhmu li r-realtajiet soċjali inbiddlu maż-żminijiet, iżda huwa wkoll minnu li jekk il- 'one size fits all' li t-tfal bilfors iridu jkunu mal-Omm hu ħażin, daqstant hu ħażin il-'one size fits all' li t-tfal bilfors iridu jkunu nofs bin-nofs bejn il-ġenituri.

Illi l-liġi tal-familja, kif inhi preżentement ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn iż-żewġ ġenituri u tiddetta li kull deċiżjoni għandha tittieħed fl-aħjar interess tat-tfal. Mhijiex il-Liġi li għandha tinbidel, iżda hija l-kultura u l-mentalita' fid-dawl tat-tibdil fis-soċjeta. Il-konsiderazzjonijiet meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar kura u kustodja, residenza primarja tat-tfal u aċċess, huma varji. Ħafna drabi, l-ewwel konsiderazzjoni hija li wieħed jara min mill-ġenituri, sa dak il- punt fil-ħajja tat-tfal, kien il-primary care giver. Ġeneralment dan ikun dak il-ġenitur li anki ssagrifika karriera, jew ħadem sigħat imnaqqsin biex ikun jista' jieħu ħsieb lit-tfal. Jekk il-mod li bih il-ġenituri jkunu qasmu d-dmirijiet tal-kura tat-tfal bejniethom ikun ħadem u jista' jibqa' jitħaddem, dik is-sistema għandha tiġi preservata, biex b'hekk it-tfal jgawdu minn stabbilita f'ħajjithom, partikolarment fi żmien ta' inċertezza għalihom.

Il-mentalita li l-aċċess huwa sempliċement dritt ta' min jeżerċitah għandha tinbidel. Wasal iż- żmien li ż-żewġ ġenituri, sa fejn huwa fattibbli, jerfgħu r-responsabbilitajiet tagħhom ta' ġenitur. Inutli ġenitur ma jagħmilx dak obbligat – bħal pereżempju l-eżerċizzju ta' aċċess - mingħajr sanzjoni. Il-leġislatur għandu jiffoka fuq x'għandha tkun dik is-sanzjoni.

Huwa għalhekk li fil-bidu tal-proċess, il-partijiet iridu jispjegaw, x'kien qed jiġri sakemm tħassret ir-relazzjoni ta' bejniethom u l-fulkrum għandhom dejjem ikunu id-drittijiet tat-tfal u l-obbligi tal-ġenituri fil-

konfront tat-tfal (mhux bil-kontra). Għandha tkun ukoll ċara li mhux neċessarjament ser ikun il-każ, li min ser ikollu t-tfal għal ħin indaqs daqs il-ġenitur l-ieħor awtomatikament ser ifisser li mhux ser jikkontribwixxi finanzjarjament għall-ulied u dan jorbot ma' dak li ingħad iktar 'il fuq; għaliex inkella ser jiżdied il-faqar u finalment l-instabbilita` għall-minuri li ma jistgħux jibqgħu għaddejjin bl-istess 'lifestyle' li kienu mdorrijin għalih.

CHAMBER
OF ADVOCATES
MALTA

The Chamber of Advocates
Courts of Justice
Republic Street
Valletta VLT2000
Malta

+356 21248601
info@avukati.org